

# DOMINUS FLEVIT IL-POST FEJN ĠESÙ BEKA FUQ ĠERUSALEMM

***Rosario Pierri ofm***

***Studium Biblicum Franciscanum***

Traduzzjoni ta' artiklu tal-professur Rosario PIERRI OFM, *Dominus Flevit. Where the Lord Wept*, fir-rivista *The Holy Land Review*, New Series, Volume 5, No. 1 (2012), 36-39.

Mill-knisja ta' "Dominus Flevit" wieħed għandu veduta stupenda fuq Ġerusalemm, imma mhux minħabba l-panorama wiesgħa tagħha. Fil-fatt jekk il-pellegrin jitla' aktar fil-għoli fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, il-panorama tal-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm magħluqa fis-swar li jdawwruha hi aktar wiesgħa.

Dak li jrendi unika l-knisja ta' "Dominus Flevit" mhix il-pożizzjoni tagħha, imma l-possibilità li wieħed jara lil Ġerusalemm mill-intern tal-knisja mit-tieqa kbira tal-ferro battuto li fiha xbieha ta' kalċi fiċ-ċentru, li hu simbolu tal-għotja ta' Ġesù lid-dinja.

Fl-intenzjoni tad-disinjatur tat-tieqa din kellha sservi mhux biss biex iddawwal il-knisja l-aktar wara nofsinhar meta x-xemx tinżel lejn il-punent. It-tieqa kbira wara l-altar kellha skop ieħor: li tfakkar fis-simboliżmu tal-kalċi bl-ostja fuqu l-avveniment li ta' kuljum jiġi ċċelebrat fuq l-altar. Meta wieħed iħares fit-tul lejn it-tieqa jara kif din tirrivela kompożizzjoni ta' ferħ fuq livell artistiku b'tifsira storika u teoloġika.

Ir-riflessjoni hi sempliċi imma mimlija tifsir. Toffri tifsira doppja. Ġerusalemm tifforma l-isfond għall-misteru tal-Ewkaristija bħallikieku dan hu iffissat fiż-żmien fil-mument tal-istituzzjoni tas-sagrament tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Il-Belt il-Qaddisa tibqa' t-teatru tal-ġrajjiet storiċi li huma ċentrali għall-ħajja ta' Ġesù, u l-aktar dawk marbutin mal-passjoni, mewt u qawmien tiegħu mill-imwiet. Fuq livell ta' qari Kristjan, hi l-Ewkaristija li tagħti lil Ġerusalemm dimensjoni differenti, dik tal-viżjoni antiċipata ta' Ġerusalemm il-ġdida li għad tinżel mis-sema.

Min jaf jekk, matul iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-knisja ta' "Dominus Flevit", din il-viżjoni universali tinħassx ukoll mill-fidili meta jlissnu l-kelmiet ta' wara l-konsagrazzjoni: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej; inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek; nistennewk sa ma tiġi fil-glorja."

Il-knisja ta' "Dominus Flevit", iżda, mhijiex is-santwarju li jfakkar l-Aħħar Ikla tal-Mulej. Hu ċ-Ċenaklu s-santwarju li hu marbut ma' din it-tifkira.

"Dominus Flevit" tfisser "il-Mulej beka." Fi kliem ieħor, "il-post li fih il-Mulej beka" fuq Ġerusalemm. Is-santwarju hu marbut mal-episodju li jirrakkonta l-evanġelista Luqa 19,37-44:

"Xħin imbagħad kien qorob lejn in-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ, il-kotra kollha tad-dixxipli bdiet tfaħħar lil Alla b'għajat ta' ferħ u b'leħen għoli għall-għeġubijiet kollha li kienu raw, u bdew jgħidu: 'Mbierek is-Sultan li ġej f'isem il-Mulej! Sliem fis-sema, u glorja fl-ogħla tas-smewwiet!' Xi wħud mill-Fariżej li kienu qalb il-folla qalulu: 'Mgħallem, ċanfarhom lid-dixxipli tiegħek.' Iżda hu weġibhom u qal: 'Ngħidilkom li, jekk jisktu huma, jgħajjat il-ġebel.'

Wasal qrib il-belt u, kif raha, beda jibkiha u jgħid: 'Mhux li għaraf imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik! Imma issa! Dan hu moħbi minn għajnejk! Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-għedewwa tiegħek idawruk b'rampa u jagħlquk minn kullimkien u jrossu fuqek minn kull naħa; u jġarrfu lilek u lil uliedek fik, u ma jħallux fik ġebla fuq oħra, talli ma għaraftx iż-żmien taż-żjara li saritlek!'"

Jekk xi ħadd jixtieq isir jaf ir-raġuni għaliex dan is-santwarju jinsab f'dan il-post wieħed irid imur lura fiż-żmien. Ġesù ħareġ minn Ġeriko u kien tiela' lejn Ġerusalemm. Meta wasal Betfaġe u Betanja, hu bagħat lid-dixxipli biex iġibulu felu ta' ħmar biex jirkeb fuqu ħalli jidħol Ġerusalemm. B'hekk Ġesù għamel id-daħla messjanika tiegħu fil-Belt il-Qaddisa. Il-versett ta' San Luqa jgħid: "Xħin imbagħad kien qorob lejn in-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ" (Lq 19,37). Hi impressjonanti x-xena tad-dixxipli li jfaħħru lil Ġesù. Imma kienu biss id-dixxipli li kienu qegħdin ifaħħruh, u mhux l-oħrajn, inklużi l-Fariżej. Dan kollu jispjega t-toqol u n-niket li

Ġesù ħass f'qalbu dak il-ħin. Dan in-niket Ġesù jesprimih bil-kliem ta' lamentazzjoni fuq Ġerusalemm. Is-santwarju tal-"bikja" ta' Ġesù inbena aktar tard fi żmien il-perjodu tal-Kruċjati.

Fil-5 seklu, matul l-era Biżantina, fil-post fejn illum hemm il-knisja ċkejkna minbija fl-1955 mill-arkitett Antonio Barluzzi diġà kien hemm knisja. Jekk nibbażaw ruħna fuq diversi interpretazzjonijiet ta' fdal ta' skrizzjoni, nidħlu fid-diskussjoni dwar jekk din il-knisja kinetx iddedikata lill-profetessa An(*na*), msemmija f'Lq 2,36, jew inkella, kif x'aktarx hu l-każ, kinetx parti minn proprjetà ta' monaċi li kienu għas-servizz tal-An(*astasis*), jiġifieri l-Qabar ta' Kristu. Huma interessanti ħafna l-fdalijiet ta' mużajċi fil-paviment tal-knisja. Fihom insibu l-iskrizzjoni bil-Grieg: "Xmun, ħabib ta' Kristu, bena u żejjen l-oratorju ("euktenon") u offrih lil Sidna Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietna u bħala l-post fejn jistrieħu l-aħwa tagħna, l-Abbati Ġorġ u l-ħabib ta' Kristu Domezio" (interpretazzjoni tal-arkeologu Franġiskan Bellarmino Bagatti ofm).

Matul il-ħakma Għarbija hawnhekk inbniet moskea fuq il-fdalijiet tal-knisja Biżantina. Il-moskea kienet tissejjaħ il-Moskea tar-Rebbieħ ("El Mansouriyeh"), li reċentement reġgħet inbniet fi triq inqas magħrufa tal-istess Għolja taż-Żebbuġ. Il-knisja ta' "Dominus Flevit" inbniet fuq art li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa akkwistat fl-1940.

"Dominus Flevit" tinsab nofs triq fit-telgħa li mill-



Bażilika tal-Ġetsemani titla' lejn il-Għolja taż-Żebbuġ (meta nieħdu bħala punt ta' riferiment il-Ġetsemani u mhux il-Wied taċ-Ċedron. Din iż-żona kienet magħrufa sa mill-qedem bħala żona ċimiterjali. B'hekk ma kien hemm l-ebda sorpriża meta fl-iskavi li Patri Bellarmino Bagatti tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* għamel bejn l-1953 u l-1955 instabet nekropoli (belt tal-mejtin, ċimiteru) li kienet tintuża mis-sena 136 q.K. sas-sena 300 w.K. Din in-nekropoli nstabet flimkien ma' raħal ta' żmien il-Bronż u rovini Biżantini.

Fl-20 kamra li kienu jiffurmaw in-nekropoli nstabu ħafna osswarji u xi sarkofagi l kellhom fuqhom disinni ta' fjuri u riproduzzjonijiet ta' dwieli. Is-sejbiet kienu ħafna aktar minn dak li kienu stennew l-arkeoloġi. L-iskavi ta' "Dominus Flevit" baqgħu magħrufin fl-istorja tal-iskavi tal-Art Imqaddsa u tal-Kristjanità minħabba s-simboli u l-ismijiet imnaqqxin u ddisinjati fuq dawn l-osswarji.

Flimkien mal-fdalijiet arkeoloġiċi dawn l-osswarji huma xhieda miktuba, imnaqqxa fil-ġebel għall-ġenerazzjonijiet futuri, tal-preżenza f'Ġerusalemm ta' Nsara tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni. Il-fdalijiet tagħhom ġew midfunin f'dan il-post fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, li skont il-fidi Kristjana f'dak iż-żmien kif ukoll skont it-twemmin





reliġjuż tal-Lhud Ortodossi tallum, kien ix-xaqliba tal-lvant tal-Wied ta' Ġosafat (Wied taċ-Ċedron).

Skont interpretazzjoni biblika kemmxejn imġebbda, dan hu l-post taż-żewġ profeziji tal-Profeta Ġoel (4,2; 4,12) dwar fejn kellu jseħħ il-Ġudizzju Finali. Biżżejjed infakkru l-ewwel profezija: "Jiena niġbor il-ġnus kollha, u nniżżilhom fil-Wied ta' Ġosafat; hemmhekk nagħmel ħaqq minnhom minħabba f'Israel, il-poplu u l-wirt tiegħi, li huma xerrdu fost il-ġnus, u għax il-pajjiż tiegħi qassmuh bejniethom."

Ġosafat tfisser "Alla jiġġudika" imma l-profeta x'aktarx kien qed jitkellem b'mod simboliku dwar il-post tal-ġudizzju u dan mhux neċessarjament jindika post ġeografiku.

Dawn is-simboli fuq l-osswarji ġew studjati minn Patri Bellarmino Bagatti u Jozef Milik. Huma mnaqqxin fuq il-ġnub tal-osswarji forom ta' slaleb, l-ittra "tau", monogrammi Kostantinjani, u xi 40 skrizzjoni bl-Ebrajk, Aramajk u Grieg. Hemm ukoll ismijiet li nsibhom fit-Testment il-Ġdid, bħalma ngħidu aħna Marija, Marta, Philo, iċ-Ċirinew, Mattew, Ġużeppi u Ġesù. Bagatti u Milik, quddiem din l-evidenza,



ikkonkludew li din in-nekropoli kienet post tad-dfin għall-Kristjani Lhud.

Iż-żjara ta' "Dominus Flevit" hi għaldaqstant mogħnija b'xhieda storika li għandha importanza kbira għall-Insara. Dawn l-osswarji u l-ismijiet tagħhom ifakkruna fir-rabta kontinwa li tgħaqqad il-fidi tad-dixxipli ta' Ġesù ma' dik tal-Insara tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni li kienu jgħixu fl-Art Imqaddsa u għall-Insara tal-ġenerazzjonijiet li ġew wara.

Bħala sinjal li tmissu b'idejk ta' din il-kontinwità ta' tradizzjoni nsemmu d-drawwa li l-Franġiskani tal-Art Imqaddsa, mit-tieni Erbgħa tar-Randan, iżuru u jiċċelebraw l-Ewkaristija f'xi santwarji marbutin mat-tifkiriet tal-Passjoni ta' Kristu fiż-żona ta' Ġerusalemm. Dawn il-pellegrinaġġi, immexxijin mill-Franġiskani, jieħdu sehem fihom l-Insara lokali, kif ukoll reliġjużi oħrajn u pellegrini. Is-santwarji ta' "Dominus Flevit" hu l-ewwel wieħed li jżuru l-Franġiskani f'din il-mixja spiritwali tar-Randan. Il-qari tal-Quddiesa li tiġi ċċelebrata f'din l-okkażjoni huma ċċentrati fuq il-versetti li jitkellmu mill-bikja ta' Ġesù fuq Ġerusalemm. Hu tassew don ta' grazzja li wieħed jisma' dawn il-kelmiet f'din il-knisja ċkejkna filwaqt li jħares lejn Ġerusalemm mit-tieqa kbira li f'nofsha hemm il-kalċi.

Il-Belt il-Qaddisa donnha tidher trasfigurata u l-fatt li ċaħdet li tirrikonoxxi lil Ġesù bħala l-Messija jidwi fil-kliem tal-Profeta Ġeremija: "Agħtu glorja lill-Mulej, qabel ma jidlam u qabel ma jitfixklu riġlejkom fuq il-muntanji bejn dawl u dlam. Intom tistennew id-dawl imma hu jibdlu fis-swied, sa ma jagħmlu dlam. Jekk intom ma tisimgħux, nibki mqar bil-moħbi minħabba kburitkom. Għajnejna jdemmgħu u jxerrdu d-dmugħ, għax eżiljaw il-merħla tal-Mulej" (Ġer 13,16-17).

# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani - 2012




## Art Imqaddsa
## 5 Awwissu – 13 Awwissu

## Art Imqaddsa u Sinaj
## 4 Novembru – 14 Novembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt